# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 247/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

**Robert Camilleri**

iben Nazzareno , imwieled Mtarfa, fis-7 ta' Gunju, 1968, detentur tal-karta tal-identita' numru 235468(M)

Illum 24 ta' April, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Robert Camilleri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fit-12 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tas-13.50hrs waqt li kien qiegħed fl-inħawi San Anard limiti ta' Żabbar kien qiegħhed jonsob għall-għasafar waqt staġun magħluq tal-insib u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c), L.S 504.71.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Regolament 12(1) AL 79/2006, hekk kif emendat, L.S 504.71.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi ikkaċċja jew prova jikkaċja, jieħu jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenżja li tingħata taħt Reg 4(1)(a) tal-L.S 504.71.

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ha jew prova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(e) u tal- L.S 504.71.

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa projbit taħt is-subregolament (1) ta' regolament 7 tas-SL 504.71 u dan bi ksur tar-regolament 7(2) tal-L.S 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(c), 12(1) tal- AL *79/2006*, Regolament 4 (1)(a), 7(1)(e) u 7(2) tal- LS 504.71 tal- Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ma sabitx lill- imputat ħati tat- tieni (2), ir- raba' (4) u 1- ħames (5) akkużi u għaldaqstant illiberatu minnhom. Sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkużi u għaldaqstant ikkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€l ,200). Ordnat l-iskwalifika tal- liċenżja tat-teħid tal-għasafar tal-imputat għal sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti Robert Camilleri ppreżentat fit-13 ta' Gunju, 2014 fejn talab li din il-Qorti jogħġobha timmodifika u tvarja d-deċiżjoni fuq imsemmija billi filwaqt li tikkonferma in kwantu li ma sabitux ħati tat-tieni, r-raba u l-ħames akkuża, tilliberaħ mis-sejbien ta' ħtija u tilliberaħ minn kull piena u imputazzjoni in kwantu li nstab ħati taħt l-ewwel u t-tielet akkuża u fin-nuqqas li din I-Onorabbli Qorti ma tilqax dan l-appell, tvarja xorta in kwantu tissostitwixxi il-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti b'piena anqas severa riflettanti ċ-ċirkostanzi tal-każ B'riserva li l-esponent iressaq dik ix-xhieda kollha u opportune fl-istadju tal-Appell.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi ciononostante li l-Pulizija fuq imsemmija sabu l-għasafar li hemm imsemmija skont l-affidavit tagħhom u kif ukoll l-apparat għal dan l-insib, il-prosekuzzjoni f'ebda ħin m'esebiet xi xorta ta' *corpus delicti* imqar formalment.

Illi din hi mankanza gravi mill-prosekuzzjoni anke fid-dawl li fl-istess ċitazzjoni intalbet lill-Qorti tordna il-konfiska tal-oġġetti esebiti, liema oġġetti qatt ma fil-fatt ġew esebiti.

Illi l-uffiċjali tal-Pulizija m'humiex il-persuni idonei sabiex jistabbilixxu l-għasafar minnhom imsemmija.

Illi tali prova kellha tkun magħmula minn espert ornotologiku, billi jeżamina fost oħrajn l-esebiti tal-prosekuzzjoni li ovvjament f'din il-kawża kienu ineżistenti.

Illi mingħajr preġudizzju għas-susepost, l-esponent jssostni li l-piena inflitta kienet waħda sproporzjonata għal kollox fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu każ sommarju fejn quddiem l-Ewwel Qorti l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kienu biss l-affidavits ta' żewġ kuntistabbli.

Illi quddiem din il-Qorti ma ġew prodotti ebda xhieda ħlief għal dak li ngħad hawn fuq.

Illi mill-affidavits tal-kuntistabbli jirriżulta li l-appellant kien fuq il-post tal-inċident, li ġie iniżjalment rappurtat lil uffiċċju tal-ALE mill-BIRD LIFE u li effettivament ġie maqbud fil-fatt waqt li kien qed jiġbor l-għasafar li kellu madwar il-mansab u cioe' erba' Ġojjini, żewġ Sponsuni u Gardell.

Illi apparti l-fatt li l-Pulizija jaħdmu f'dan il-qasam kienu akkumpanjati minn tal-BIRD LIFE u li żgur huma kapaċi jagħrfu l-għasafar elenkati fl-affidavits, l-għasafar speċifikati mhumiex għasafar li trid tkun espert tal-Ornitoloġija biex tagħrafhom.

Illi fir-rigward tal-konfiska tal-*corpus delicti* r-Regolament 27 tal-L.S. 549.42 jispeċifika li f'każ ta' ħtija l-Qorti għandha tordna l-konfiska tal- *corpus delicti* pero' 'f'dan il-każ jidher ampjament ċar mill-atti tal-kawża li ma ġie esebit xejn mill-Prosekuzzjoni la formalment u lanqas materjalment , għaldaqstant m'hemmx x'jista' jiġi konfiskat.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet l-appellant ħati għall-ewwel u t-tielet akkuża u illiberatu mit-tieni, raba' u ħames akkuża. Tikkonferma l-iskwalifika tal-liċenżja għat-teħid tal-għasafar għal sena iżda in kwantu għal piena tnaqqas il-multa għal elf Ewro (€1,000).